# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 276/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' citazzjoni datata 30 ta' Awissu, 1999) kontra Alfred Zahra talli fix-xhur ta' qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita` tieghu nnifsu fixkel lil John Zahra fil-pussess ta' hwejjgu, u dan billi ghalaq l-access tal-fond 35 jew 6, St. Stephen Street, B'Bugia bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru, 2000[1] li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alfred Zahra hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tigehu u kkundannatu tlett xhur prigunerija sospizi ghal sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Zahra, minnu ppresentat fit-12 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-Deputat Registratur Marika Caruana tixhed; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza appellata hija nulla, u dan peress li hu ma nghatax l-opportunita` li jressaq il-provi tieghu qabel ma giet pronunzjata dik is-sentenza. In fatti, skond l-appellant, il-kawza tieghu kienet giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-prosekuzzjoni; minflok l-ewwel qorti ghaddiet ghas-sentenza.

[1] Mhux 28 ta' Novembru, 2000, kif erroneament jidher fuq il-kopja dattiloskritta tas-sentenza a fol. 8.

Din il-Qorti ftit li xejn ghadha xi tghid dwar dana l-aggravju, li jirrisulta li hu gustifikat. In fatti skond id-deposizzjoni tad-Deputat Registratur Marika Caruana, fit-8 ta' Novembru, 2000 kien hemm zewg kawzi kontra Alfred Zahra; wahda minnhom (b'imputazzoni mhux ta' *ragion fattasi*) kienet thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru, 2000, mentri l-kwaza odjerna kienet thalliet ghall-kontinwazzjoni ghall-5 ta' Frar, 2001. Evidentement bi zvista, l-ewwel qorti, fid-29 ta' Novembru, 2000, flok tat is-sentenza f'dik il-kawza l-ohra, ghaddiet ghas-sentenza f'din il-kawza. Fi kliem iehor, is-sentenza tad-29 ta' Novembru, 2000 li minnha qieghed isir dana l-appell inghatat bi zball.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet (u specjalment lill-appellant) mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jigu minnufih mibghuta lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tisma' u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur